MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 1149/1997/1

Alfred Attard
vs
Is-Segretarju Amministrattiv, l-Avukat Generali, id-Direttur ta’ l-Edukazzjoni, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Harsien Socjali u id-Direttur tax-Xoghol.

Illum 2 ta’ Dicembru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent fl-1 ta’ Dicembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta’ bejn April 1988 u Lulju 1994, huwa sofra ingustizzja f’li

a) ma nghatax r-rank ta’ leading man fl-iskema Haddiema Awziljari u Tahrig fejn kien jahdem,

b) waqt li kien fl-istess skema gie mgieghel jaghmel xoghol ta’ leading man minghajr ma gie kkumpensat ghal dan ix-xoghol, u

c) meta spiccat l-iskema sab ruhu f’rank inqas minn dak li kellu ta’ Supervisor billi gie mqieghed f’Grupp A mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni meta shabu s-supervisors l-ohra gew impjegati mal-Gvern f’pozizzjonijiet oghla.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

a) Fit-8 ta’ April 1988 r-rikorrent gie accettat bhala Supervisor fl-Iskema ta’ l-Awziljari.

b) Minn fost is-Supervisors li dahlu kienu se jintghazlu dawk li ssejjhu ‘leading men’. Ir-rikorrent kellu l-kwalifiki u l-esperjenza mehtiega li jkun leading man.

c) L-ghazla saret minghajr ezami kompettitiv. Sempliciment inqrat speci ta’ rassenja waqt l-ahhar jiem tat-Tahrig f’Hal-Far. Min kien fiha, lahaq. Ir-rikorrent ma kienx, avolja kellu l-esperjenza mehtiega ghal post bhal dan.

d) Di piu’, l-anqas biss gie maghzul bhala supervisor fuq skrivanija kif spiccaw ohrajn li terga kienu anqas kwalifikati minnu billi fl-impiegi precedenti taghhom qatt ma kellhom pozizzjoni ta’ xejn.

e) Sab ruhu jahdem fit-trinek ta’ l-Enemalta jistiva u jwahhal l-katusi bit-tangent, jigbor il-gebel u dak kollu li jinterrompi l-ippustjar ta’ katusi. Ghalkemm kien supervisor, gie moghti xoghol ta’ haddiem kwalunkwe.

f) Wara diversi protesti, r-rikorrent sab ruhu go speci ta’ store f’Hal-Far. Deherlu li postu ma kienx hemm u li ried jibda jingharaf mill-kapacita li kellu ta’ supervizzjoni u ried li finalment jibda jgawdi beneficcji finanzjarji ohrajn mill-paga tieghu kif kienu qeghdin igawdu bosta. Baqa’ jipprotesta.

g) Gurnata minnhom ir-rikorrent intalab jirraporta ghax-xoghol il-Birgu u beda jamministra gruppi ta’ haddiema u hadhom taht idejh. Telgha Hal Far u gab l-ghodod necessarji ghal gruppi kollha li kellu tahtu. Organizza kollox, inkluz stores u ufficcju. Kien ir-rikorrent li jiddeciedi xoghol kellhom jaghmlu dawn il-gruppi ta’ haddiema fil-Cottonera, jekk per ezempju, kellux isir restawr jew inkella tissewiex xi bankina. Kienu jiehu x-xoghol tieghu bis-serjeta. Kien jaghmel il-progress report ta’ kull supervisor li kellu tahtu u x-xoghol li kien ikun twettaq. Kien juza l-karozza privata tieghu fix-xoghol tieghu inkluz biex imur Hal Far, l-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni u biex jissorvelja l-gruppi li kellu mxerdin. Il-petrol kien ihallsu minn butu.

h) Ghamel snin twal jaghmel dan ix-xoghol ta’ leading man minghajr ma jithallas ta’ leading man u meta kien biss supervisor.

i) Xi sitt xhur qabel ma spiccat l-iskema baghtu lil Joseph Tanti li hadlu postu u r-rikorrent sab ruhu taht l-istess Tanti ma grupp ta’ haddiema fit-triq jaqtghu l-haxix.

j) Malli l-iskema temmet hidmietha, sab ruhu fi Grupp A mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Dan kien grad iktar baxx minn ta’ supervisor. Shabu kienu ddahhlu fid-Dipartimenti Governattivi fuq l-iskrivaniji.

k) Rega’ gie mibghut il-Birgu. Fuq r-rikorrent gabu lil certu Charlie Debattista, bniedem li anqas ismu ma kien jaf jikteb.

l) Wara r-rikorrent gie mibghut l-iskola ta’ Kordin fejn il-headmaster qabdu jaghmillu x-xoghol ta’ l-ufficcju. Ir-rikorrent kien kuntent sakemm darba minnhom gie inspector u qallu inti x-xoghol tieghek hu ta’ purtinar.

m) Ghalxejn kienu l-protesti tieghu ma l-awtoritajiet. Qabdu breakdown u gie boarded out f’Lulju 1994.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud

dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jithallas lir-rikorrent kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 liema ammont ghandu jigi likwidat minn dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni fejn wiegeb:-

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat gie mharrek inutilment u l-anqas huwa l-legittimu kontradittur tar-rikorrent u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

2. Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi ma jinkwadrawx ruhhom fl-ambitu tal-Art 6 tal-Att VIII tan-1997.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, l-Avukat Generali u d-Direttur tax-Xoghol fejn wiegbu:-

Illi r-rikorrent kien fl-iskema maghrufa bhala AWTS jaghmel xoghol ta' supervisor, u nghata l-hatra ta' Labourer Group A mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni b'sehh mill-1 ta' Jannar 1992 wara decizzjoni tal-Gvern li joffri impjieg fi Group A lil dawk il-haddiema awziljari li kienu fl-iskema fil-31 ta' Awissu 1991.

Illi kien deciz illi dawk il-persuni li jigu certifikati li kienu supervisors fl-AWTS, kellhom izommu l-paga li kellhom fuq bazi personali kemm il-darba din kienet oghla mill-

paga tal-grad li kienu se jidhlu fih. Din id-decizzjoni kienu mgharrfa biha dawk il-Ministeri fejn intbaghtu jahdmu dawn il-persuni, inkluz dak ta’ Edukazzjoni fejn kien jahdem ir-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol ta’ l-Avukat Generali u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Harsien Socjali fejn wiegbu:-

Illi l-Avukat Generali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Harsien Socjali m’humiex il-legittimi kontradittur ghall-ilment fit-termini ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap 12 u gew imharrka inutilment.

Illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrent fis-sens li huwa kien ingaggjat mal-AWTS bejn it-18 ta’ April 1988 u l-1 ta’ Jannar 1992 u mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni bejn l-1 ta’ Jannar 1992 u l-1994 hija konfermata mir-records tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig.

Dawn ir-records juru li r-rikorrent kien impjegat bhala supervisor ma l-AWTS.

Fl-1 ta’ Jannar 1992 huwa inghata l-kariga ta’ Labourer Group A mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. F’dan ir-rigward ghandu jinghad illi kienet ittiehdet decizjoni mill-Gvern li jigi offert xoghol bhala labourer Group A b’effett mill-1 ta’ Jannar 1992 lill-haddiema awziljari li kienu fl-AWTS fil-31 ta’ Awissu 1991. Il-haddiema kollha ta’ l-AWTS ghalhekk inghatatilhom il-hatra ta’ labourer Group A u gew adebiti mad-Dipartiment tal-Gvern fejn kienu fil-fatt qed iservu qabel. Il-haddiema Awziljari li kienu jahdmu fil-head office tal-AWTS kienu ittiehdu mill-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani u kienu gew adebiti mat-Taqsima tal-Maintanance ta’ dak il-Ministeru.

L-iskema ta’ l-AWTS giet likwidata u spiccat fl-1992.

Ma jirrizultax li saret xi preferenza jew eskluzjoni indebita mar-rikorrent fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat

Ra s-sentenza in parte tieghu tas-7 ta' Ottubru 2002 fejn cahad eccezzjoni preliminari ta' inkompetenza ratione materiae u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra' l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ghamel tlett ilmenti principali, wahda li ma nghatax ir-rank ta' leading man fl-iskema haddiema awziljari fejn kien jahdem, gie mgieghel jaghmel xoghol ta' leading man minghajr ma gie kompensat ghal dan ix-xoghol u li meta spicca mill-iskema ta' l-awziljari sab ruhu f'rank anqas minn dak illi kellu ta' supervisor meta gie mqieghed fi Grupp A mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni mentri shabu l-ohra gew impjegati mal-Gvern f'pozizzjonijiet oghla.

Irrizulta mill-provi illi fit-8 ta' April 1998 ir-rikorrent gie maghzul bhala supervisor fl-iskema ta' l-awziljari. Intaghzlu 120 supervisor u ntbaghtu ghal kors Hal-Far. Minn dawn is-supervisors gew arbitrarjament maghzula 15-il Leading man. Skond ir-rikorrent ma kellhomx kwalifiki aktar minnu. Wara li spicca l-kors ir-rikorrent beda jaghmel xoghol fit-trinek u wara, fi store zghir Hal-Far li suppost kellu jaghmlu leading man. Dam hemmhekk xi sitta jew tmien xhur u wara ntbaghat il-Birgu fejn ha r-rwol ta' Leading Man u tahtu kellu gruppi ta' nies illi kienu jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fl-inhawi. Skond ix-xhieda prodotta, x-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent kien effettivament dak ta' Leading man, bhal ordnijiet ghall-ingenji, pagi, requisitions ta' ghodda u ukoll talbiet u approvals ta' leave. Minkejja li kien jaghmel dan ix-xoghol darba minnhom tfaccat persuna bl-isem ta' Joe Tanti u qallu biex jwarrab min-nofs, u spicca jaqta' l-haxix.

Meta spiccat l-iskema ta' l-awziljari r-rikorrent ntbaghat fl-Education Department bhala Labourer Group A u hemmhekk inghata xoghol li skond hu kien taht il-grad tieghu. Ir-rikorrent jghid li kien hemm nies ohra li ntbaghtu jaghmlu xogholijiet differenti u superjuri ghal dak li kien jaghmel hu.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent gab bhala xhieda diversi haddiema li kienu jahdmu mieghu bhal Frans Cachia, John Camilleri, Albert Lewis, Tony Falzon, Rafel Vento, Alphonse Mizzi, Alfred Mangion u Joseph Grech. Dawn kollha xehdu illi b'xi mod jew iehor kienu nvoluti mar-rikorrent meta kien qed jahdem il-Birgu. Jafuh bhala supervisor li pero` kien qed jaghmel xoghol li normalment kien jaghmlu leading man. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li sa certu punt, ir-rikorrent rnexxielu jipprova illi waqt li kien qieghed stazzjonat il-Birgu minkejja li kien supervisor kien jahdem xoghol ta' leading man, pero` ghal dak illi huwa hlas huwa baqa' jircievi dak ta' supervisor.

Minbarra din pero`, ma rnexxilux jipprova illi saret xi diskriminazzjoni meta huwa ma ntaghzilx bir-rank ta' leading man. L-unika prova li hemm f'din il-kawza tirrigwarda x-xhieda tieghu fejn jghid fost affarijiet ohra (fol 52) illi gew maghzula 15 –il leading man b'mod arbitrarju. Jghid biss li ma kellhomx kwalifiki aktar minnu. Ma rrizultax perezempju xi kwalifiki seta' kellu r-rikorrent aktar minn dawk illi ntaghzlu. It-Tribunal ma jistax jilqa' talba fuq allegazzjoni fl-ajru, r-rikorrent ghamel allegazzjoni serja hafna meta allega diskriminazzjoni mill-awtoritajiet fil-konfront tieghu, pero` haga bhal din trid tigi ppruvata fil-livell ta' prova li normalment ikun hemm f'kawza civili. Izda r-rikorrent ma lehaqx din il-grad ta' prova il-ghaliex l-allegazzjoni tieghu ma gietx sostanzjata bi prova ohra fuq xhiex setghet tigi koroborata. Ir-rikorrent ibbaza l-kaz tieghu sempliciment fuq il-fatt illi wara li spicca l-kors ghamel zmien jaghmel xoghol ta' leading man minghajr ma kellu dak il-grad. Veru r-rikorrent irnexxielu jipprova li fil-fatt qed jaghmel dan ix-xoghol. Izda sabiex it-Tribunal jilqaghlu t-talba ta' kumpens ghandu l-ewwel jilqa' t-talba

illi saret xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent. Minghajr din il-premessa ma jistghux jirrizultaw talbiet ghal kumpens peress li huwa ben saput illi mhux l-ewwel darba illi persuna tigi mgieghla taghmel xi xoghol superjuri ghal grad taghha ghal xi zmien.

Fil-fatt John Camilleri a fol 69 jghid illi r-rikorrent kien Acting Leading Man, pero` jekk saritx xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent rigward l-hatra tieghu ma l-awziljari, ma rrizultax u ghalhekk zgur illi t-Tribunal mhuwiex f'pozizzjoni illi jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent rigward l-appointment fl-iskema tal-haddiema ta' l-awziljari.

Tibqa' l-kwistjoni tat-transfer tar-rikorrent mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Hawnhekk ir-rikorrent qieghed jghid illi sab ruhu f'rank anqas minn dak li kellu ma' l-awziljari u cioe` gie klassifikat bhala labourer group A. Irrizulta mill-provi illi minkejja illi kellu l-grad ta' labourer xorta baqa' jircievi l-hlas ta' supervisor u din kienet koncessjonati partikolari illi ghamel il-Gvern lil dawk is-supervisors illi kienu jahdmu ma' l-awziljari illi minkejja l-grad taghhom xorta jibqghu jircievu l-istess paga li kellhom qabel. Dan huwa konfermat mir-rikorrent li jghid li dejjem thallas ta' supervisor kemm fiz-zmien li kien qed jaghmel xoghol ta' leading man u kemm bhala labourer. Jekk pero` saritx xi diskriminazzjoni kontra r-rikorrent meta mar id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ma rrizultax minn dawn l-atti.

Ir-rikorrent qed jghid li shabu l-ohra gew impjegati mal-Gvern f'pozizzjonijiet oghla, izda min huma dawn in-nies u f'liema dipartiment marru u kemm kienu oghla mir-rikorrent ma rrizultax. Bhal ma lanqas ma rrizulta li l-hatra tieghu mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ma kinitx konformi mal-ligi.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali t-Tribunal jasal ghal konkluzjoni illi r-rikorrent irnexxilu jipprova illi f'xi zmien huwa kien qed jaghmel xoghol ta' leading man meta fil-fatt kellu grad ta' supervisor izda ma rnexxilux jipprova li saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu meta ntaghzlu l-leading men. Ghalhekk fin-nuqqas

ta' dan, it-Tribunal mhuwiex fil-grad illi jaghti kumpens lir-rikorrent ghaz-zmien li hadem ghal leading man peress li dan mhuwiex fil-kompitu tat-Tribunal fl-isfond ta' l-artiklu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997. Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------